# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

It-Tnejn 11 t'Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 11 t'Ottubru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

38.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 38.2 Espressjoni ta' Interess: Ġbir ta' skart riċiklabbli;

38.2.1 Il-Kunsill ħareġ espressjoni ta' interess għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli liż-żewġ skemi nazzjonali liċenzjati. Din is-sejħa ħarġet għall-perijodu ta' sena bil-possibilta' ta' estensjoni sal-aħħar tas-sena 2023.

38.2.2 GreenMt kienet l-unika skema li wriet interess u lesta li tkompli tiprovdi l-istess servizzi kif inhi tagħmel preżentament sal-aħħar tas-sena 2022.

38.2.3 Il-membri tal-Kunsill unanimament aċċettaw din l-unika proposta li rċevew biex il-ġbir tal-iskart riċiklabbli jkompli jinġabar b'kontinwita'.

### 38.3 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

38.3.1 MXR/03/2021 - *Tender for the supply and installation of new artificial turf at Munxar Football Pitch*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-31 t'Awwissu 2021. Kien hemm tlett offerti:
Three Eight Nine Company Limited - €28,320.00
JGC Limited - €28,473.60
Projekte Global Limited - €32,400.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent Three Eight Nine Company Limited li kien konformi mar-rekwiżiti.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

38.3.2 MXR/04/2021 – *Tender for the supply and installation of EPDM inistu safety flooring at Munxar Playground*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-31 t'Awwissu 2021. Kien hemm erbgħa offerti:
JGC Limited - €15,560.64
Gokker Ltd - €16,431.00
Projekte Global Limited - €18,333.30
De Valier Co Ltd - €28,782.00
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent JGC Limited li kien konformi mar-rekwiżiti.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

38.3.3 MXR/05/2021 – *Proposed Embellishing works in Triq L-Isqawi, Il-Munxar*;

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-31 t'Awwissu 2021. Kien hemm offerta waħda:
Simon Grech - €69,961.06
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil Simon Grech li għalkemm kien 25% *over-budget*, kien konformi mar-rekwiżiti.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

## 38.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

38.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 t'Ottubru 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 t'Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR